32004R2151

L 370/38 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.12.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2151/2004

tas-16 ta' Diċembru 2004

li jiftaħ kwoti tariffarji għall-2005 għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' xi oġġetti min-Norveġja li ġejjin minn prodotti agrikoli pproċessati inklużi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-kummerċ applikabbli għal xi oġġetti li ġejjin minn prodotti agrikoli pproċessati [1], b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill [2004/…/KE tal-… 2004] dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali għall-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) Il-Ftehim, f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali għall-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja jistabbilixxi f'punt III il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' xi oġġetti min-Norveġja. Huwa meħtieġ li dawn il-kwoti jinfetħu għall-2005.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfassal id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komuni [3], jistabbilixxi r-regoli għat-tmexxija tal-kwoti tariffarji. Huwa xieraq li jingħad li l-kwoti tariffarji miftuħa minn dan ir-Regolament jitmexxew bi qbil ma' dawn ir-regoli.

(3) Il-miżuri mniżżla f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji Komunitarji għall-oġġetti li ġejjin min-Norveġja li huma mniżżla fl-Anness għandhom jinfetħu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji Komunitarji msemmija fl-Artikolu 1 se jitmexxew mill-Kummissjoni fi qbil ma' l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-16 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Gunter VERHEUGEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).

[2] ĠU L 345, 31.12.1996, p. 78.

[3] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠU L 343, tal-31.12.2003, p. 1).

ANNESS

Order number	CN code	Description	Quota	Rate of duty applicable
09.0764	ex 1806 1806 20 1806 31 1806 32 1806 90	Chocolate and other food preparations containing cocoa with the exception of cocoa powder containing added sugar or other sweetening matter falling within CN code 1806 10	5 500 tonnes	EUR 35,15/100kg